**NOTI TA' SPJEGAZZJONI[1] fir-rigward tar-regolamenti li ġejjin:**

**(a) Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart**

**(b) Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi**

**1. Introduzzjoni u sfond.**

Sabiex jiżdiedu l-isforzi ta' riċiklaġġ u l-kwalità ta' materjal riċiklabbli, dawn l-Avviżi Legali introduċew rekwiżiti ta' separazzjoni mandatorja fis-sors fi ħdan il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Tali sforzi huma mistennija wkoll li jnaqqsu l-ammont ta' skart li qed jintrema fil-miżbliet, f'konformità mal-impenji tal-UE.

**2. Ħarsa ġenerali u Struttura tal-Istrumenti.**

**(a) Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart**

Dan l-Avviż Legali jemenda r-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63) li bih regolament ġdid (i.e. ir-regolament 12A) qed jiġi introdott.

**(b) Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi**

Dan l-Avviż Legali jemenda r-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (L.S. 549.40). L-imsemmi Avviż Legali jinkludi ż-żieda ta' regolament ġdid (i.e. ir-regolament 4B) flimkien ma' emendi anċillari.

**3. Kummentarju dwar il-partijiet u l-artikoli.**

L-emendi proposti fir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskart jintroduċu l-obbligu fuq kull persuna sabiex tissepara fis-sors il-flussi ta' skart riċiklabbli li ġejjin qabel il-ġbir separat tagħhom:

- ✓ karta;
- ✓ metall;
- ✓ plastik;
- ✓ ħġieġ;
- ✓ bijoskart; u

[1] Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

- ✓ kwalunkwe fluss ta' skart ieħor kif determinat mill-Ministru.

Għalhekk, meta jiġi ġġenerat skart, kemm jekk fid-dar, fuq ix-xogħol jew f'postijiet pubbliċi, dan għandu jintrema b'mod korrett f'laned taż-żibel xierqa. Fil-każ ta' skart iġġenerat f'postijiet pubbliċi (fil-bajjiet, fit-toroq, fil-kampanja eċċ.), dan ikun jeħtieġ li jiġi separat biss fejn il-laned taż-żibel rilevanti għall-ġbir separat ikunu disponibbli għall-pubbliku, inkella l-laned taż-żibel standard tal-iskart imħallat ikollhom jintużaw.

Notevolment, il-ġbir imħallat ta' ċerti flussi ta' skart jista' jkun permess jekk jitwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 3 li tinsab mar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (L.S. 549.40). Fil-preżent, dan jirreferi għall-ġbir imħallat ta' karta, plastik u metall riċiklabbli fil-boroż griżi/ħodor.

Saru numru ta' emendi għar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi. Tali emendi jirrigwardaw dan li ġej:

- Ir-regolament 8(1) ġie emendat sabiex jiżgura li kull bejjiegħ jew bejjiegħ fit-toroq li jaħdem f'post pubbliku għandu jkollu tali numru ta' laned taż-żibel kif approvati mill-Gvern matul il-ħinijiet tax-xogħol tiegħu sabiex jippermetti s-separazzjoni fis-sors tal-iskart iġġenerat;
- Ir-regolament 10 ġie emendat sabiex jintroduċi subregolament ġdid (i.e. is-subregolament (4a)) sabiex jipprovdi għall-kontravvenzjonijiet għall-obbligu li jiġi sseparat l-iskart stipulat fir-regolament 4B. Barra minn hekk, qed issir distinzjoni bejn multi applikabbli għal skart iġġenerat minn attivitajiet kummerċjali u istanzi oħra, b'dawk tal-ewwel ikollhom multi ogħla. Fil-każ ta' skart iġġenerat minn attivitajiet kummerċjali, jistgħu jittieħdu azzjonijiet kontra kwalunkwe persuna responsabbli għall-intrapriża jew ingaġġata minnha; u
- Ir-regolament 15 ġie emendat sabiex jinkludi referenza għar-regolament 4B fir-rigward tal-Fond dwar l-Ambjent.

Notevolment, l-infurzar tal-obbligu li l-iskart jiġi separat fis-sors għandu jiġi infurzat mill-awtoritajiet rispettivi, b'mod gradwali, sabiex ikun jista' jsir perjodu ta' adattament. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u ċ-ċertezza legali, il-pjan ta' infurzar għandu jiġi ppubblikat permezz ta' avviż tal-Gvern fil-Gazzetta mill-Ministru responsabbli għall-ambjent.

Emendi anċillari oħra għar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi li qed jiġu introdotti permezz ta' dan l-Avviż Legali jinkludu:

- Emenda għar-regolament 10(4) sabiex tippermetti multa minima ta' erba' mitt euro (€400) li tkun applikabbli f'ċerti istanzi relatati mar-rimi illegali ta' skart fejn l-ammont ta' skart jitqies minimu, għall-kuntrarju tal-multa minima attwali ta' tlett elef euro (€3,000) għar-rimi ta' kwalunkwe skart mhux elenkat fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tar-regolament 10(4); u
- Emenda għar-regolament 12(1) sabiex tinkorpora r-regolament il-ġdid 4A, biex b'hekk issir ċirkostanza aggravanti li jintrema skart fis-siti elenkati fih minħabba l-importanza storika jew ambjentali tagħhom.

**4. Konklużjoni.**

Iż-żewġ Avviżi Legali għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill- **ERA**: https://era.org.mt/contact/
Telefon: + 356 2292 3500

Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-Linji Gwida ppubblikati fl-istess ħin ma’ dawn in-Noti ta’ Spjegazzjoni għal aktar informazzjoni.

**N.B. Dawn in-Noti ta’ Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti mhumiex deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**